**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Adhanom Gebrit**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet kif korretti migjuba kontra:

**Adhanom Gebrit** ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben Gebrit u Tsigereda, imwieled Mek'erka Gashbarka, Eritrea nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002), bla residenza fissa, u detentur ta' numru tal-pulizija 20DD-013

Akkuzat talli bejn il-wieħed u għoxrin (21) u t-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġewwa l-Marsa u/jew bnadi oħrajn ġewwa l-Gżejjer Maltin;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħrajn mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ECN 729, liema serq seħħ għad-dannu ta' Virender Virender u huwa kkwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux

iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

*Artikoli 261 (c) (f) (g), 267, 270, 271 (g), 279 u 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, wettaq reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, liema reat sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), per Magistrat Dr Elaine Rizzo, datata t-tlieta (3) t'April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

   *Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Virender Virender billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna fuq imsemmi ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjoni tal-Artikoli 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tordna lill-imputat jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2024 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tlett (3) snin u disa (9) xhur prigunerija u issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

10. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li skond l-istqarrija tieghu l-imputat ilu tlett snin jghix Malta, u skond il-fedina penali ghandu kundanna wahda ghal hsara volontarja u b'sentenza tat-3 t'April 2023 inghata sentenza sospiza ta' disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sena. Huwa kiser il-kundizzjonijiet ta' din is-sentenza billi ikkommetta r-reat ta' serq imsemmi fl-ewwel imputazzjoni sitt (6) xhur wara li inghata din is-sentenza sospiza.

11. Ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni, il-Qorti ma tistax tqis li din hija ammissjoni bikrija sabiex huwa jibbenefika mitigazzjoni fil-piena. Din l-ammissjoni giet registrata wara li kienu diga nzammu sitt (6) seduti u effettivament il-Prosekuzzjoni kienet waslet biex tghalaq il-provi taghha. Huwa ovvju li din l-ammissjoni giet registrata meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt bil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u irregistra ammissjoni fl-isperanza li jottjeni mitigazzjoni fil-piena.

12. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat seraq basket li kien go vettura u f'dan il-basket kien hemm Revolut card, zewg credit cards wahda tal-Lombard Bank u l-ohra tal-Bank

of Valletta, mobile Samsung li kien inxtara sentejn qabel ghall-prezz ta' mitejn u hamsin Euro (€250) u cirka tlett mitt Euro (€300) flus kontanti.[1] Mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat ghamel uzu mir-Revolut card biex ghamel zewg transazzjonijiet ta' hames Euro u tletin centezmu (€5.30)-il wahda, transazzjoni ta' hmistax-il Euro u disghin centezmu (€15.90) u transazzjoni ohra ta' hamsin Euro (€50.00). Sussegwentement, huwa ghamel attentat iehor biex juza din il-card, pero b'ezitu negattiv, ghax ma kienx hemm flus bizzejjed fil-kont.[2] Ghaldaqstant, l-imputat gibed l-ammont totali ta' sitta u sebghin Euro u hamsin centezmu (€76.50) bir-Revolut card.

13. Fit-trattazzjoni orali, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li m'hix qed tinsisti ghal piena karcerarja. L-imputat diga inghata opportunita minn din il-Qorti bis-sentenza tat-3 t'April 2023 sabiex jirriforma ruhu u jzomm il-boghod mit-triq tal-kriminalita, pero ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn din l-opportunita, u minflok ikkometta dan is-serq sitt (6) xhur wara din is-sentenza. In oltre, ghalkemm l-imputat skuza ruhu mal-Qorti ghal dak li ghamel, huma ma indika bl-ebda mod li xtaq jirrifondi lill-vittma d-danni li sofra konsegwenza ta' dan is-serq. Il-Qorti tirrileva wkoll li fl-istqarrija tieghu l-imputat iddikjara li ilu tlett xhur ma jahdimx u lanqas ghandu residenza fissa,[3] u rega' rrepeta dawn id-dikjarazzjonijiet waqt l-ezami tieghu f'dawn il-proceduri,

14. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha terga' tati affidament lill-imputat, u tqis li fic-cirkostanzi l-unika piena idonea hija dik ta' prigunerija karcerarja, u li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 261(c)(f) u (g), 267, 270(g), 279(a), 280(1) u 20 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel

---

[1] Ara fol. 42 tal-process.

[2] Ara r-rapport tal-Pulizija a fol. 50 tal-process, ix-xhieda ta' PC 2299 Aidan Demicoli a fol. 37 tal-process, ix-xhieda ta' PC 1225 Rodney Zammit a fol. 57 tal-process u r-rapport tal-espert Jonathan Mizzi a fol. 84 *et seq.* tal-process.

[3] Ara fol. 18 tal-process.

imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija.

(2) Wara li rat l-Artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tordna ulterjorment, ai termini ta' l-istess Artikolu, li l-piena karcerarja ta' disa' (9) xhur sospizi ghal sena moghtija permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Elaine Rizzo (gia Mercieca) nhar it-3 t'April 2023 tigi reza operattiva, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' erba' u ghoxrin (24) xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(3) Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija seba' u hamsin Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€357.29) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(4) In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Virender Virender is-somma ta' hames mitt Euro (€500) rapprezentati l-flus u l-valur tal-oggetti misruqa minnu mill-hati.

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**